MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2012

Appell Kriminali Numru. 54/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Geoffrey Azzopardi)**
**Vs**
**Omissis**
**George Degabriele**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-5 ta' Marzu 2004 ghal-habta tas-7:50p.m., ikkommetta serq ta' numru ta' *top up vouchers* tat-telefon cellulari kif ukoll *cards* ohra mill-hanut Hudson Confectionery sitwat fi Triq il-Helsien, Hal Qormi, liema serq li huwa ikkwalifikat bil-vjolenza, mezz, hin u valur li jeccedi l-elf lira Maltin sar ghad-dannu tal-konjugi Marisa u Timothy Konwuru kontra l-volonta' taghhom;

Akkuzati aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi fil-hin li kkommettew l-imsemmija delitti, kellhom fuq il-

persuna taghhom arma tan-nar u cioe’ *revolver*, u munizzjon;

U aktar akkuzati talli  fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellhom fil-pussess jew kontroll taghhom, jew kellhom f’idejhom jew fuqhom arma tan-nar, u cioe’ *revolver*, u munizzjoni, minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Akkuzati wkoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi sparaw arma tan-nar f’distanza ta’ inqas minn 200 metru minn post ta’ abitazzjoni, b’perikolu ghal terzi persuni;

U aktar akkuzati talli fil-5 ta’ Marzu, 2004 kif ukoll fil-jiem ta’ wara din id-data, f’diversi lokalitajiet f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg, u cioe l-oggetti msemmija aktar ‘l fuq, misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun indahhlu biex ibieghulhom jew imexxuhom;

Lil George Degabriele wahdu akkuzat talli fil-lejl ta’ bejn il-31 ta’ Dicembru 2002 u l-1 ta’ Jannar 2004 f’San Giljan ikkommetta serq ta’ vettura ta’ l-ghamla Tata Sumo bin-numri tar-registrazzjoni BBH 926, liema serq li huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, xorta tal-haga misruqa u valur li jeccedi l-elf lira (Lm1000), sar ghad-dannu ta’ Carmelo Vella minn Santa Lucija;

U aktar akkuzati talli fil-31 ta’ Dicembru 2002 u fix-xhur ta’ wara, f’diversi lokalitajiet f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg, u cioe’ vettura ta’ l-ghamla Tata Sumo bin-numru tar-registrazzjoni BBH 926, misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistata b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun indahal biex ibieghha jew imexxiha;

U aktar akkuzat talli fil-5 ta’ Marzu 2004 u fil-gimghat ta’ qabel din id-data, saq l-imsemmija vettura meta din ma kinitx koperta b’licenza mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u li ma kinitx koperta b’polza ta’ assigurazzjoni dwar riskji ghal-terzi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Frar, 2010, li biha, sabet lill-appellant hati tal-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba` w il-hames akkuza, mhux hati tas-sitt, is-seba`, t-tmien akkuza w hati ta' l-ahhar akkuza w wara li rat l-artikoli 261(a)(b)(c)(f), 262, 267, 270, 276, 277, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 22(2), 24(2), 33, 29 u 40 tal-Kap. 33 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 3, 20, 22 u 23 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-appellant ghal sentejn prigunerija, multa ta' Euro 582.34 (ekwivalenti ghal LM 250) u ssospendiet il-licenzja tas-sewqan ta' l-appellant ghal perjodu ta' sentejn.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-15 ta' Frar, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tiddikjara nulla s-sentenza appellata w tirrimanda l-atti quddiem l-Ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni skond il-ligi w fin-nuqqas (u minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba) tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni u fejn gie dikjarat mhux hati tas-sitt, tas-seba` w tat-tmien akkuza, tikkonferma wkoll fejn huwa gie misjub hati li saq vettura minghajr koperatura ta' polza assikurattiva (jekk in effetti taghha gie misjub hati stante illi m'huwa xejn car mis-sentenza appellata) filwaqt li thassaraha fejn sabitu hati tat-tieni, tat-tielet, tar-raba`, tal-hames u ta' l-ahhar akkuza (li l-appellant ghadu mhux cert din liema hi) u fejn ikkundannatu ghall-sentejn prigunerija, multa ta' Euro 582.34 u ghas-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghall-zmien sentejn u minflok tinfliggi piena aktar gusta w idoneja skond il-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

1. Illi s-sentenza appellata hija nulla ghaliex ma tosservax ir-rekwiziti rikjesti ai termini tal-artikolu 382 tal-Kap. 9 u ghalhekk wara li tigi annullata l-istess sentenza,

l-atti ghandhom jigu rimessi quddiem l-Ewwel Qorti [sabiex huwa ma jigix ipprivat mid-dritt tad-doppio esame] sabiex tinghata sentenza skond il-ligi. Bizzejjed jinghad f'dan l-istadju illi minn dak suespost jidher ma huwiex precizament car ta' x'hiex l-appellant kien qed jigi misjub hati u minn x'hiex huwa kien qed jigi liberat. Jekk wiehed f'dan l-istadju kellu jiehu biss bhala ezempju l-akkuza numru tnejn [skond l-akkuza originali], u cioe` dik ta' arrest illegali, minn qari tas-sentenza appellata ma jirrizultax jekk in effetti huwa giex liberat jew misjub hati ta' dik l-akkuza. Anki fid-decide ta' l-istess sentenza jidher ili l-Ewwel Qorti taghti gudizzju dwar disgha akkuzi mentri in effetti fl-istess sentenza l-imputazzjoni elenkati huma biss tmienja! Daqstant m'huwiex car jekk tabilhaqq l-appellant kienx qed jigi liberat jew le mill-imputazzjoni ta' ricetazzjoni;

2. Illi l-Ewwel Qorti ma setghet qatt legalment u ragonevolment issib lill-appellant hati tal-akkuza li kkommetta delitt waqt li fuq il-persuna tieghu kellu arma tan-nar, kif lanqas ma setghet qatt legalment u ragonevolment issib lill-appellant hati tal-akkuza li kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar minghajr id-debita licenzja, kif ukoll qatt legalment u ragonevolment issib lill-appellant hati tal-akkuza illi huwa spara arma tan-nar f'distanza ta' inqas minn mitejn metru minn post ta' abitazzjoni;

Dwar dawn it-tlett imputazzjonijiet jidher illi l-Ewwel Qorti kkonfondiet bl-aktar mod car il-provi mressqa kontra l-ko-akkuzat Cassar illi fil-fatt ammetta kemm li kellu arma tan-nar fil-pussess tieghu u li uzaha waqt id-delitt li tieghu huwa kien l-awtur (filwaqt li l-appellant kien biss komplici accessorju), kif ukoll illi kienu hu (Cassar) illi spara l-istess arma tan-nar. B'ebda tigbid tal- immaginazzjoni ma jista` jinghad b'xi mod illi l-appellant kien wettaq xi wiehed mill-atti li jwasslu ghall-htija ta' dawn it-tlett akkuzi. Zgur illi l-fatt li huwa setgha kien komplici accessorju ma' Cassar fis-serqa mertu tal-ewwel imputazzjoni (li kienet ikkwalifikata bil-vjolenza bil-mod kif imwettqa minn Cassar) ma jistax iwassal ghall-htija ta' dawk it-tlett akkuzi l-ohra li gew imwettqa minn Cassar. Taht ebda ipotezi ma jista` jgi legalment argumentat illi fil-kaz ta' dawn it-tlett akkuzi l-appellant setgha qatt kien komplici fit-termini tal-artikolu 42 tal-Kap. 9 ghaliex din tkun

interpretazzjoni li bid-dovut rigward tkun qed testendi l-principju tal-komplicita` sa l-assurd. In effetti fil-kaz in dizamina, u fil-kaz ta' dawn it-tlett imputazzjonijiet zgur li l-atti mwettqa mill- appellant ma jinkwadraw taht ebda wahda jew aktar mill-ipotazijiet ikkontemplati fl-artikolu 42(a) sa (e) u ghalhekk la dawn gew imwettqa minn Cassar kien Cassar biss li kellu jwiegeb ghalihom. Dwar l-artikolu 45 dan ma jsib ebda applikazzjoni fil-kaz in dizamina ghaliex dawn it-tlett reati partikolari huma reati istantanji u ghalhekk dawn gew kommessi b'mod immedjat minn Cassar hekk kif huwa gie fil-pussess tal-arma. Dwar il-fatt li l-arma giet effettivament sparata, anki jekk ghall-grazzja tal-argument u ghall-grazzja tal-argument biss l-appellant kien jaf li Cassar kien armat, il-fatt li Cassar (bla ma kien hemm il-bzonn) iddecieda li jispara ma huwiex fatt jew ahjar att li l-appellant kien jaf dwaru qabel ma sar u dan peress illi dan l-att sar minn Cassar wahda mod spontanju waqt li huwa bhala awtur kien qed jikkommetti s-serqa. Ghalhekk dwar din l-akkuza lanqas ma jista` wiehed jghid illi japplika l-artikolu 45 tal-Kap. 9;

3. Illi f'kaz illi s-sejbien ta' htija dwar il-hames imputazzjoni jirriferi ghall-akkuza ta' ricetazzjoni [u dan stante li ghar-ragunijiet suesposti dan ma johrogx car mis-sentenza appellata], allura l-appellant ihossu aggravat minn tali sejbien ta' htija stante illi huwa legalment inkoncepibbli illi persuna tinsab hatja ta' serq ta' oggetti partikolari u fl-istess hin jinsab hati li huwa kien ir-ricettatur tal-istess oggetti. Tabilhaqq f'dan il-kaz jirrizulta illi l-akkuzi ta' serq u ta' ricetazzjoni kienu alternattivi ghal xulxin u per tant galadarba l-appellant kien qed jigu dikjjarat hati tas-serq, l-ewwel kellha jew tillibera jew tastjeni illi tiehu konjizzjoni tal-akkuza ta' ricetazzjoni;

4. Illi l-piena nflitta fuq l-appellant kienet wahda manifestament eccessiva w dan ghal diversi ragunijiet li jistghu in sintezi jigi elenkati bil-mod segwenti :

(i) L-Ewwel Qorti erogat piena eccessiva ghaliex skorrettement ma applikatx l-artikolu 17(la l-paragrafu (b) u lanqas il-paragrafu (h) tal-Kap. 9) tant li lanqas jirrizulta ikkwotat fis-sentenza appellata.

(ii) L-Ewwel Qorti cahdet talba tad-difiza sabiex tressaq provi ghall-finijiet ta' piena (li kienu l-unici

provi li d-difiza riedet tressaq – b’mod ghalhekk li l-Ewwel Qorti ma hallietx lid-difiza tressaq dawk li kienu ghaliha l-unici provi u ghalhekk provi essenzjali. Ir-raguni mressqa mill-Ewwel Qorti in sostenn mad-digriet ta’ cahda ta’ din it-talba kienet illi l-akkuzat ma kienx mixli li huwa recediv (fatt mhux kontestat jew b’xi mod dibatut). Lanqas ma indenjat ruhha l-Ewwel Qorti titlob il-fedina penali aggornata tal-appellat (minkejja gurisprudenza ormai kompjuza ta’ din il-Qorti li tinsisti biex dan isir f’kull kaz) biex hekk forsi kien ikollha stampa ahjar dwar l-attegjament tal-hati wara li twettqu d-delitt u ghalhekk tal-ahjar mod kif titratta mieghu fl-interess tieghu u tas-socjeta`.

(iii) L-Ewwel Qorti skartat sottomissjonijiet maghmula fl-Awla fil-miftuh fejn prosekuzzjoni u difiza qablu li l-piena ta’ prigunerija fil-kaz tal-appellant kellha tkun sospiza fit-termini tal-artikolu 28A u dan ghall-ragunijiet li qablu dwarhom prosekuzzjoni u difiza fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza u dejjem fl-Awla fil-miftuh. Kienet ghalhekk legalment skoretta l-Ewwel Qorti meta rrifjutat dan il-qbil minghajr ma tat ir-ragunijiet ghal dan.

(iv) L-Ewwel Qorti trattat mal-appellant bl-istess mod li trattat lill-ko-akkuzat li apparti li kien l-awtur tad-delitt, filwaqt li l-appellant kien biss komplici accessorju, kellu fedina penali ferm aktar refrattarja w allarmanti minn dik tal-appellant. Ghalhekk anki f’dan il-kuntest l-Ewwel Qorti ezagerat fil-piena li erogat kontra l-appellant.

(v) Il-perjodu ta’ sentejn sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ukoll kien terminu eccessiv.

Ikkunsidrat:

Illi fl-aggravi tieghu, l-appellant qieghed jecepixxi n-nullita tas-sentenza peress illi l-ewwel Qorti m’osservatx ir-rekwiziti rikjesti fl-Artiklu 382 tal-Kap 9, peress illi skond hu ma kienx precizament car ta’ xiex l-appellant kien qed jigi misjub hati u minn xiex kien qed jigi liberat. Ta’ bhala ezempju l-akkuza numru 2 dak ta’ l-arrest illegali, fejn l-qari tas-sentenza appellata ma jirrizultax jekk kien effetti l-appellant giex liberat jew misjub hati minn din l-akkuza. Fid-decida ta’ l-istess sentenza, jkompli jghid l-appellant jidher illi l-ewwel Qorti tati gudizzju dwar 9 akkuzi mentri in

effetti fl-istess sentenza l-imputazzjonijiet elenkati huma biss 8. Daqstant, ma kienx car jekk tabilhaqq l-esponent kienx qed jigi lliberat jew le mill-imputazzjoni ta' ricertazzjoni.

Ikkunsidrat:

L-Artiklu 382 tal-Kap 9 jghid 'Il-Qorti, meta tati s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, tati l-pieni u ssemmi l-Artikoli ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun ikkontemplat.' Minn ezami akkurat tas-sentenza jidher ovvju li l-ewwel Qorti osservat bir-reqqa id-dettalji ta' dan l-Artikolu. Semmiet ir-ragunijiet taghha il-ghala l-appellant kellu jinstab hati u tat il-piena. U semmiet ukoll l-Artikolu tal-ligi illi jikkoncernaw dan il-kaz. Jista' jkun li l-appellant ma jaqbilx mar-ragunament tal-Qorti jew l-interpretazzjoni illi l-Qorti tat ghal fatti tal-kaz. Pero b'daqsekk ma jfissirx illi s-sentenza hija nulla. Ir-rekwiziti bazici ghal l-ghoti tas-sentenza valida gew osservat mill-Qorti u din il-Qorti m'ghandha xejn x'tikkumenta aktar dwar dan il-punt. Tirrileva pero illi f'din il-kawza gew addebitati 9 akkuzi. Fid-decida taghha, l-Qorti elenkat l-ewwel tmienja u rreferiet ghalihom bin-numri. Meta giet ghad-9 akkuza, irreferiet ghaliha bhala l-ahhar akkuza. Ma hemm xejn stramb jew irregolari f'din id-dicetura. Tirileva biss illi jekk l-appellant kellu xi dubju dwar x'kellha f'mohha l-Qorti jidher li hu ukoll waqa' f'dan il-dubju meta fil-verbal ta' l-20 ta' Jannar ta' l-2010 (fol 216) mitlub jispecifika ghal xiex kien qed jammetti l-akkuza, rrefera ghall-ewwel akkuza minghajr l-aggravi tal-vjolenza u ghal-<u>ghaxar akkuza</u>! Ma hemmx ghalfejn il-Qorti tirrepeti illi f'din il-kawza ma kienx hemm ghaxar akkuzi izda biss disgha' u presubilment hawn hekk l-appellant qed jirreferi ghad-disgha akkuza u cioe dak li saq l-istess vettura minghajr licenzja tas-sewqan u minghajr kopertura ta' assigurazzjoni. Ghalhekk il-Qorti tghaddi biex tichad dan l-ewwel aggravju ta' nullita ta' sentenza u tghaddi biex tikkonsidra l-meritu.

Ikkonsidrat:

Ghal dawk li huma l-provi, rrizulta illi fil-5 ta' Marzu 2004, Martin Cassar u l-appellant George Degabriele marru biswit hanut b'isem ta' Hudson Confectionery fi Triq il-Helsien Hal Qormi ghal-habta ta' 7.30 p.m. sabiex iwettqu serqa. Martin Cassar nizel mill-vettur, dahal fil-hanut b'wiccu mghammad u b'pistola f'idejh u beda jghid lis-sid Marisa Tonuro biex ituh il-flus. Ir-ragel taghha Timothy Tonuro staqsa bl-ingliz x'ried. Cassar spara tir fl-ajru u qallu biex jghaddilu l-telecards. Timothy Tonuro ghamel hekk. Cassar hareg jigri l' barra. Timothy Tonuro hareg isegwieh u Cassar waqt li kien ghadu mghammad spara fid-direzzjoni tieghu darbtejn f'angolu ta' 45 degrees fid-direzzjoni tas-sema. Ra lil Cassar jidhol go jeep hamra li kellha rota fil-bieb ta' wara. L-appellant baqa' il-hin kollu fil-karozza. Kif Cassar dahal hdejh saq l'hemm mix-xena tad-delitt. Fl-istqarrija tieghu l-appellant ikkonferma illi hu kien ftiehem xi jumejn qabel ma' Martin Cassar sabiex iwettqu dan il-hold up. Cassar ma qallux il-hanut liema wiehed kellu jkun. Qal lil l-appellant biex jiehu hsieb igib karozza, kif fil-fatt ghamel. Iltaqghu u fit-triq l-appellant staqsa lil Cassar jekk kienx ha jidhol fil-hanut b'idejh vojta. U Cassar wiegbu li kellu revolver. Kien f'dan l-istadju illi l-appellant sar jaf illi kienet ser tigu uzata arma f'dan il-hold up. Meta waslu biswit il-hanut Cassar u Degabriele raw illi kien hemm hafna nies fil-hanut. Ghalhekk ghadu jistennew xi ghaxar minuti barra. Wara li hargu n-nies, dahal Cassar wahdu u wara xi ftit ra lil Cassar hiereg mill-hanut u jispara tir lejn wiehed liebes l-iswed. Imbghad fetah il-bieb tal-karozza u Degabriele beda jsuq. L-iskop ta' din is-serqa kien illi Cassar u Degabriele jaqsmu r-refurtriva. Izda fil-fatt Degabriele ma ha xejn. Mistoqsi ghaliex dahal ghal din il-bicca xoghol, l-appellant Degabriele wiegeb 'ghax kelli bzonn il-flus'.

Ikkunsidrat:

Illi bil-verbal tal-15 ta' Dicembru 2009 (fol 213) l-appellant George Degabriele ammentta l-akkuza ta' serq aggravat minghajr pero il-kwalifika tal-vjolenza. Fis-seduta ta' wara fl-20 ta' Jannar 2010 (fol 216) mitlub jispecifika, rrefera ghal-ewwel akkuza minghajr l-aggravi tal-vjolenza u ghal-ghaxar akkuza. Bhal ma diga inghad, din l-ghaxar akkuza

ma tezistix ghax hemm biss elenkati 9 akkuza. U l-Qorti tifhem li hawn hekk qed tirreferi ghad 9 akkuza u cioe dak li saq l-istess vettura minghajr l-licenzja tas-sewqan u minghajr kopertura ta' assigurazzjoni. Fit-tratazzjoni tieghu quddiem l-ewwel Qorti l-abbli difensur spjega illi din is-serqa giet imwettqa minn zewg persuni. U ghalhekk l-appellant ma kellux jinstab hati ta' l-aggravju tal-vjolenza. L-Artiklu 262 1B tal-Kap 9 jispecifika illi serq li jkun ikwalifikat bil-vjolenza meta l-halliel jew il-hallelin… jiprezentaw ruhom izjed minn tnejn.' Issa f'dan il-kaz irrizulta illi kienu zewg persuni biss illi wetqu dan ir-reat, Martin Cassar u l-appellant George Degabriele. L-awtur principal tar-reat kien Martin Cassar u dan ipprezenta ruhu armat. L-Artiklu fuq imsemmi jibda biex jghid illi l-kwalifika tal-vjolenza tavvera ruhha meta l-halliel ipprezenta ruhu armat u dan huwa propju illi ghamel Martin Cassar. George Degabriele kien mieghu dak il-hin u ghad illi huwa ma kienx fil-hanut meta Cassar spara it-tir u effettivament issekwestra l-persuni, l-appellant kien jaf li Martin Cassar kellu arma f'idejh u kien ser jipprezenta ruhu armat. F'dan is-sens quindi l-appellant ammetta s-serqa kwalifikata bil-mezz hin u valur, ma jistax jahrab mir-responsabilita ta' l-aggravju tal-vjolenza la darba huwa kien jaf illi kien qed jassisti halliel li kien qed jipprezenta ruhu armat. Ghalhekk il-Qorti jidirilha illi l-provi juru bic-car illi l-appellant George Degabriele kellu jinstab hati, kif fil-fatt instab hati mil-ewwel Qorti ta' l-ewwel akkuza dik tas-serq ikkwalifikat bil-vjolenza, mezz, hin u valur.

Rigward it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames akkuzi, l-Qorti jidrilha illi l-appellant ghandu ragun u ma kellux jigi misjub hati taghhom. It-tieni akkuza tirreferi ghal-arrest jew sekwestru ta' persuna/i kontra l-volonta taghhom. Irrizulta ampjament car illi l-appellant ma ssekwestra lil hadd. Dan baqa' fil-karozza jistenna lil Cassar johrog mill-hanut u ma kienx jaf min kien hemm fil-hanut, min kien qed jigi sekwestrat jew le. It-tielet akkuza tadebita lil l-appellant illi kkommetta delitt waqt li kellu fil-pussess jew kontroll tieghu arma tan-nar. Dan assolutament ma rrizultax. L-appellant ma kien qatt fil-pussess jew kellu taht il-kontroll tieghu arma tan-nar. Kien jaf biss bl-ezistenza ta' l-arma meta huma kienu fit-triq sejrin lejn il-hanut. L-arma dejjem

baqet fil-pusess u that il-kontroll ta’ Martin Cassar. Konsegwentament, lanqas ma jista’ jigi addebitat illi din l-arma tan-nar kienet fil-pussess ta’ l-appellant minghajr id-debita licenzja. Irrizulta illi la l-appellant u lanqas Martin Cassar ma kellhom licenzja biex izommu jew igorru arma tan-nar. Bhal ma diga inghad l-arma, illi ntuzat f’dan il-hold up baqet dejjem fil-pussess ta’ Martin Cassar u l-appellant qatt ma gie f’kuntatt ma’ din l-arma ghalhekk ma jistax jigi adebitat, illi kien fil-pussess ta’ din l-arma minghajr id-debita licenzja.

Il-hames akkuza taddebita lil l-appellant illi spara arma tan-nar f’distanza anqas minn mitejn metru mil-post ta’ abitazzjoni. Dan ukoll ma rrizultax fil-konfront ta’ l-appellant. Kien Martin Cassar li spara l-arma tan-nar fid-distanzi msemmija. Illi l-appellant ma kellux jigi misjub jigi misjub hati ta’ reat illi gew konnessi minn haddiehor.

Rigward l-akkuzi intestati numru sitta, sebgha u tmienja u cioe li laqa’ ghandu oggetti misruqa jew gejjin mis-serq, li kommetta serq ta’ vettura BBH 926 u li laqa’ ghandu oggetti (l-istess vettura) misruqa jew li gejja mil-qerq, l-ewwel Qorti ma sabitx lil l-appellant hati. Izda fuq ammessjoni tieghu sabitu hati ta’ l-ahhar akkuza, d-disa’ wahda illi saq l-istess vettura talli saq minghajr il-licenzja tas-sewqan u minghajr kopertura ta’ assigurazzjoni.

Ghalhekk minn ezami akkurat tal-provi, din il-Qorti issib illi l-appellant George Degabriele kellu jinstab hati biss ta’ l-ewwel akkuza u cioe serq ikkwalifikat bil-vjolenza, mezz, hin u valur u d-disa’ akkuza dik li saq l-istess vettura minghajr licenzja tas-sewqan u minghajr kopertura ta’ assigurazzjoni.

Ghal dawk li jirrigwarda l-piena bil-verbal tat-12 ta’ Novemru 2010 fuq talba tad-difiza din il-Qorti talbet biex jigi sottomess lilha pre sentencing report sabiex tkun ta’ gwida lil il-Qorti meta tigi biex tikkonsidra l-piena. Dan ir-rapport gie pprezentat u mahluf minn probation officer Carmen Nygaard fit-3 ta’ Gunju 2011. Din il-Qorti ezaminat dan ir-rapport u tibda biex tikkumpliment lil Carmen Nygaard ghal mod sejru u professjonali illi wetqet

l-inkarigu taghha u bil-mod kif irredigiet ir-rapport. Ovvjament hadet briga mhux hazin meta dahlet fl-amjenti socjali ta' l-appellant, it-trobbija tieghu, id-diffikultajiet li kellu u l-mod kif illum qieghed jeghleb dawn id-diffikultajiet biex issegwi l-hajja stabbli flimkien mas-siehba u t-tfal tieghu. U hawn ukoll din il-Qorti jidrilha li ghandha tadotta r-rekomandazzjonijiet tal-probation officer Carmen Nygaard u cioe` l-piena karcerarja f'dan il-kaz kien ser ikun ta' detriment kbir ghall-appellant u l-familja tieghu. Dawn il-Qrati qatt ma jiehdu gost jibghatu nies il-habs u dan jaghmluh meta l-istess akkuzati jew imputati ikunu rabtu idejn il-Qorti b'tali mod illi ma jkunx hemm ghazla ohra. Madannakollu, anke f'kaz ta' kriminal inkallit, meta l-Qorti tara xaqq ta' dawl jew dak li huwa maghruf bhala "window of opportunity", tahtaf din l-opportunita u fejn jista' jkun tevita l-habs u tati opportunita lil dak li jkun jirriforma ruhu barra mill-konfini tal-Facilita' Korrettiva. Opra li perezempju ghamlet il-Qorti fil-kawza "il-Pulizija kontra Rittmar Hatherly et." deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Ottubru 2008. Fortunatament, l-appellant ma kellux xi fedina penali serja hafna. U ghalhekk il-Qorti, b'sens ta' ottimizmu u fiducja hija aktar propensja illi toqghod fuq ir-rakkomandazzjonijiet ta' l-istess Carmen Nygaard. Ukoll il-Qorti ma tistax twarrab il-konsiderazzjoni illi dan ir-reat sar seba' snin ilu u minn dak in-nhar sal-lum jidher li l-hajja ta' l-appellant tbiddlet ghal wahda ta' bzulija, stabillita' u responsabbilita'. Ghalhekk dan huwa propju l-kaz fejn din il-Qorti thoss li ghandha tvarja id-decizzjoni ta' l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell, il-parti, tirriforma is-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni u tad-disa' imputazzjoni u cioe` dik fejn gie misjub hati ta' sewqan minghajr kopertura ta' polza ta' assigurazzjoni u kkundantu ghal €582.34 u ghal sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien sentejn u tirrevoka fejn sabitu hati tat-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames akkuzi u fejn ikkundannatu ghal sentejn prigunerija u minflok torbot lill-appellant George Degabriele taht ordni ta' servizz ta' komunita fil-kuntest ta' l-Artikolu 11 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta liema servizz ghandu jkun ta' 350

siegha.  Oltre dan l-appellant ghandu jikkompenza lil vittma, ekkwivalenti fl-ammont ta’ €1165 pagabbli f’rati mensili jekk l-appellant ma jkunx jista’ jhallas is-somma f’daqqa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------